FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 01 TA' FRAR 2017

Il-Pulizija
(Spetturi Fabian Fleri u Melvyn Camilleri)

vs

Adrian Lia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 274174(m) akkuzat talli fil-perjodu ta' bejn id-29 ta' Marzu 2006 u l-10 ta' Marzu 2011, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzjoni wahda, ikkommetta diversi delitti ta' serq, cioe':

1. Nhar is-16 ta' Novembru 2010 ghall-habta ta' 10:20hrs, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Kalcedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' €10,570 (ghaxar t'elef, hames mija u sebghin Euro) liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
2. Nhar it-18 ta' Frar 2010 u fil-granet u xhur ta' wara din id-data, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Kalcedonju, Floriana, ikkommetta serq tas-somma ta' €1,397 (elf, tlett mija u sebgha u disghin Euro) liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
3. Nhar il-15 ta' Jannar 2011 u fil-granet u xhur ta' wara din id-data, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Kalcedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' €1,082 (elf u tnejn u tmenin Euro) liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-lok bil-mezz ubil-persuna u li sar ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
4. Nhar it-2 ta' Lulju 2010 u fil-granet u xhur ta' wara din id-data, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Ka1cedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' €905 (disgha mija u hames Euro) liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
5. Nhar is-16 ta' Lulju 2010 u fil-granet u xhur ta' wara din id-data, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Ka1cedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' €1,025 (elf u hamsa u ghoxrin Euro) liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment ta' Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
6. Nhar it-2 ta' Gunju 2010 ghall-habta ta' 18:00hrs, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Ka1cedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' €830 (tmin mija u tletin Euro) liema serq

huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;

7. Nhar l-4 ta' Frar 2009 u fil-granet, xhur u snin ta' wara din id-data, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Kalcedonju, Floriana, ikkommetta serq tas-somma ta' €802 (tmin mija u zewg Euro) liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
8. Nhar is-16 ta' Jannar 2010 u fil-granet u xhur ta' wara din id-data, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Ka1cedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' €500 (hames mitt Euro) liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
9. Nhar it-23 ta' Mejju 2009 u fil-granet, xhur u snin ta' wara din id-data, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Kalcedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' €205 (mitejn u hames Euro) liema serq huwa kkwalifikat, bil-Iok, bil-rnezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
10. Nhar it-22 ta' Mejju 2010 u fil-granet u xhur ta' wara din id-data, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Ka1cedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' €200 (mitejn Euro) liema serq huwa kkwalifikat, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment ta' Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
11. Nhar it-30 ta' Gunju 2009, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Kalcedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' LM3200 (tlett elef u mitejn Liri Maltin) liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-Iok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment ta' Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
12. Nhar is-7 ta' Settembru 2007 u fil-granet, xhur u snin ta' wara din id-data, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Kalcedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' LM122 (Mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin) liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment ta' Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
13. Bejn id-29 ta' Marzu 2006 u 1-10 ta' Marzu 2011, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Kalcedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' LM27 (sebgha u ghoxrin Liri Maltin) liema serq huwa kkwalifikat, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment ta' Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
14. Nhar 1-14 ta' Frar 2008 u fil-granet, xhur u snin ta' wara din id-data, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Kalcedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' €1,220 (elf, mitejn u ghoxrin Euro) liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment ta' Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew il-Gvern Ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
15. Nhar is-29 ta' Novembru 2006 u fil-granet, xhur u snin ta' wara din id-data, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San Kalcedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' LMl,032 (elf u tnejn u tletin Liri Maltin) liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-Iok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment ta' Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
16. Nhar it-8 ta' Ottubru 2008 u fil-granet, xhur u snin ta' wara din id-data, minn gewwa il-bini tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li jinsab Misrah San

Kalcedonju, Floriana, ikkommetta serq ta' is-somma ta' €1,059.15 (elf, disgha u hamsin Euro u hmistax il-Euro centezmu) liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment ta' Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra.

17. Fil-perjodu ta' bejn id-29 ta' Marzu 2006 u 1-10 ta' Marzu 2011 approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu 1-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe hadt u zammejt ghalik is-sommom ta' €1O,570 (ghaxar t'elef, hames mija u sebghin Euro), ta' €1,397 (elf, tlett mija u sebgha u disghin Euro), €1,082 (elf u tnejn u tmenin Euro), €905 (diagha mija u hames Euro), €1,025 (elf u hams a u ghoxrin Euro), €830 (tmin mija u tletin Euro), €802 (tmin mija u zewg Euro), €500 (hames mitt Euro), €205 (mitejn u hames Euro), €200 (mitejn Euro), LM3200 (tlett elef u mitejn Liri Maltin), LM122 (Mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin), LM27 (sebgha u ghoxrin Liri Maltin), €1,220 (elf, mitejn u ghoxrin Euro), LM1,032 (elf u tnejn u tletin Liri Maltin), €1,059.15 (elf, disgha u hamsin Euro u hmistax il-Euro centezmu) u li sar ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
18. Bhala ufficjal jew impjagat pubbliku wettaq diversi reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba il-kariga tieghu kellu dmir li jimpedixxi li jsiru dawn ir-reati;
19. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal- Gvern jew tal-privat, u cioe is-sommom ta' €IO,570 (ghaxar t'elef, hames mija u sebghin Euro), ta' €1,397 (elf, tlett mija u sebgha u disghin Euro), €1,082 (elf u tnejn u tmenin Euro), €905 (diagha mija u hames Euro), €1,025 (elf u hamsa u ghoxrin Euro), €830 (tmin mija u tletin Euro), €802 (tmin mija u zewg Euro), €500 (hames mitt Euro), €205 (mitejn u hames Euro), €200 (mitejn Euro), LM3200 (tlett elef u mitejn Liri Maltin), LM122 (Mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin), LM27 (sebgha u ghoxrin Liri Maltin), €1,220 (elf, mitejn u ghoxrin Euro), LMl,032 (elf u tnejn u tletin Liri Maltin), €1,059.15 (elf, disgha u hamsin Euro u hmistax il- Euro centezmu), illi kienu gew fdati lilu minhabba ill-kariga jew impieg tieghu, jew seraqhom u dan ghad-detriment ta' Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew persuna/i ohra;

L-Qorti hija mitluba illi tapplika id-dispozizzjonijiet tal-artiklu 23A Tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat u sabiex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri opportuni ai termini tal-istess artikolu.

Rat ir-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali permezz ta' liema bghat lill-imputat jigi ggudikat minn dina l-Qorti skond u fuq l-artikoli tal-ligi hemm citati;

Semghet provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema baqa jinsisti anke wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Semghet trattazzjoni fuq il-piena;

Ikkonsidrat:

Il-kapi tal-akkuza kontra l-imputat jikkoncernaw numru sostanzjali ta' serq aggravat bil-valur, lok, mezz u persuna. Bhala valur, fit-totalita' tieghu, l-ammont hu ta' €26,498 mehuda mill-imputat minn flus konfiskati fil-kors ta' investigazzjoni fuq xi suspettat reat li kienu fdati lilu biex jigu depositati l-Qorti fil-proceduri kriminali opportuni. Dan kollu hu ben spiegat mill-ispetturi prosekuturi.

L-imputat fl-udjenza tat-23 ta' Novembru ta' din is-sena irregistra ammissjoni li insista fiha anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra. Stqarr ukoll li kien irrestitwixxa l-ammont kollu li huwa kien seraq.

F'dik l-udjenza sar is-segwenti verbal:

"Meta ssejhet il-kawza dehru l-Ufficjali Prosekuturi L-Ispettur Fabian Fleri u l-Ispettur Melvyn Camilleri.

Deher l-imputat assistit minn Dr Arthur Azzopardi.

"Dr Arthur Azzopardi f'isem l-imputat qieghed jippresenta kopja legali tal-Bank Drafts li permezz taghhom l-ammont kollu mertu ta' dawn il-proceduri gie imhallas fl-intier."

L-Ufficjali Prosekuturi jikkonfermaw li tali hlas verament sar.

Il-Qorti ivverifikat li dan jikkorrispondi.

F'dan l-istadju l-Ufficjali Prosekuturi jiddikjaraw li l-imputazzjonojiet dwar misapproprijazzjoni huma alternattivi ghal dawk ta' serq.

L-imputat qieghed hawnhekk jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet ta' serq u ghall-aggravju a tenur tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali.

L-imputat gie moghti zmien ghal ripensament.

L-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Saret trattazzjoni dwar il-piena.

Il-Qorti tiddiferixxi l-kawza ghall-14 ta' Dicembru, 2016 fid-9.00am ghas-sentenza.

L-Ufficjali Prosekuturi jiddikjaraw li l-imputat gie notifikat fl-Awla bid-data tad-differiment."

Tiddecidi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u irrevokabbli tal-imputat, l-verbal fuq citat u fuq l-iskorta tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghal gudizzju in kwantu jirreferu ghall-Artikolu 17,18, 261(b)(c)(d)(e), 263(b), 264, 265, 267, 268(d), 269(f), 278(3), 279(b), 280(2), 281(b), 141, u partikolarment l-Artikolu 127, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' 3 snin mill-lum, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal- Kapp 446. U ukoll

tikkundanna lill-imputat li jaghmel 100 siegha servizz fil-kommunita skond l-Artikolu 11 tal-istess kapp 446. Tordna l-interdizzjoni perpetwa.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat